MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**

**SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**

**TONIO MALLIA**

**ONOR. IMHALLEF**

**JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta tal-31 ta' Ottubru, 2014

Appell Civili Numru. 1701/2000/1

**Amal Vella**

**vs**

**Ufficjal Principali tal-Immigrazzjoni,**

**Direttur tad-Dipartiment**

**tac-Cittadinanza u Expatriates u**

**l-Kummissarju tal-Pulizija**

**ghal kull interess li jista' jkollu**

**Il-Qorti:**

Rat l-att tac-citazzjoni li l-attrici pprezentat fl-14 ta' Awwissu, 2000 li jaqra hekk:

"Premess illi hija l-attrici hija cittadina Marokkina u fil-25 ta' Novembru 1998 l-attrici waslet Malta flimkien mal-gharus taghha Gaetano Vella li huwa cittadin Malti;

"Premess illi fit-28 ta' Jannar 1999 l-attrici zzewget lil Gaetano Vella, liema zwieg gie celebrat fir-Registru Pubbliku, Strada Merkanti, Valletta (Dok. AV1);

"Premess illi wara z-zwieg l-attrici marret tghix ma' zewgha fl-appartament numru tmienja (8), St. Francis Flats, Triq Nicola Adriano, Qawra limiti ta' San Pawl il-Bahar;

"Premess illi l-esponenti ghandha sitt xhur tqala;

"Premess illi wara t-tqala l-esponenti giet abbandunata minn zewgha li qieghed jirrifjuta li jirritorna lejn id-dar matrimonjali;

“Premess illi fit-13 ta’ Frar 1999 l-attrici nghatat id-dritt ta’ liberta ta’ moviment gewwa l-Gzejjer ta’ Malta;

“Premess illi dan id-dritt tal-attrici gie kkancellat minghajr ebda raguni valida;

“Jghidu ghalhekk il-konvenuti ghaliex din l-Onorabbli Qorti m’ghandhiex prevja kull dikjarazzjoni li hija mehtiega skont il-ligi;

“1. Tiddikjara li d-decizjoni tal-konvenuti jew min minnhom li permezz taghha l-attrici giet dikjarata li tilfet id-dritt ta’ liberta ta’ moviment gewwa l-gzejjer ta’ Malta, liema dritt hija akkwistat maz-zwieg taghha lil Gaetano Vella li gie ccelebrat fit-28 ta’ Jannar 1999, hija nulla u minghajr ebda effett peress li:

“(a) Il-konvenuti naqsu milli josservaw il-principji tal-gustizzja naturali fit-twettiq tal-ghemil amministrattiv jew fid-deliberazzjonijiet ta’ qabel dwar dak l-ghemil u

“(b) Tali ghemil huwa kontra l-ligi u l-policies attwali mill-konvenuti jikkostitwixxi abbuz ta’ setgha ghaliex imsejjes fuq konsiderazzjonijiet mhux rilevanti.

“Bl-ispejjez kontra l-konvenuti li huma minn issa ingunti in subizzjoni.”

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti li in forza taghha eccepew illi:

“1. Illi preliminarjament ic-citazzjoni tal-attrici hija nulla ai termini tal-Artikolu 460 tal-Kap. 12.

“2. Illi subordinatament u minghajr pregudizzju l-Kummissarju tal-Pulizija u d-Direttur tad-Dipartiment tac-Cittadinanza u Expatriates mhumiex legittimi kontradittturi f’dawn il-proceduri.

“3. Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet precedenti, it-talbiet kollha tal-attridi huma infondaii fil-fatt u fid-dritt in kwantu l-eccipjenti qed jattwaw il-ligijiet u policies amministrattivi nostali li jesigu li persuni separati “de facto” jew “de jure” mill-kunjugi taghhom ma jistghux igawdu l-liberta` ta’ moviment ghaliex ma jkunux aktar persuni ezenti fit-termini tal-ligi.

Illi l-attrici qed tabbuza mill-process gudizzjarji u tallega affarijiet li huma bla bazi fattwali tant li hija diga ttentat tottjeni l-hrug ta’ mandate ta’ inibizzjoni kontra eccipjenti u sahansitra rikors kostituzzjonali (numru 752/2000 GCD, sentenza 24/8/2000) fejn il-pretenzjonijiet taghha dejjem gew respinti ghax bla bazi fid-dritt.

“4. Illi rrizulta waqt il-proceduri hawn fuq imsemmija li l-attrici kienet ilha li sseparat minn zewgha Gaetano Vella. Vella bil-gurament tieghu innega diversi drabi li t-tarbija li qeghdha ggorr l-attrici hija tieghu. Ghalhekk id-dispozizzjoni tal-ligi li l-persuna ezenti trid tkun tghix mac-cittadin Malti biex tgawdi minn dak l-istatus tilfitu bl-agir taghha stess.

“5. Illi ghalhekk l-eccipjenti agixxew fil-parametri tal-ligi u mhux minnu dak allegat fil-paragrafi 1 (a) u (b) fit-talbiet tac-citazzjoni.

“Salv eccezzjonijiet ohra premessi mil-ligi.”

Rat il-verbal registrat mill-ewwel Qorti fis-17 ta’ Mejju, 2001, minn fejn jirrizulta li l-konvenuti irtiraw l-ewwel eccezzjoni taghhom rigwardanti n-nullita` ta’ dawn il-proceduri;

Rat is-sentenza li tat il-Prim' Awla tal-Qorti Civili fil-15 ta' Dicembru, 2010, li in forza taghha cahdet it-talbiet attrici, izda bl-ispejjez kollha kontra l-konvenuti in solidum bejniethom;

Dik il-Qorti tat is-sentenza taghha wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

> "L-attrici, li hi cittadina marokkina, flimkien ma l-gharus taghha li hu cittadin malti, certu Gaetano Vella, waslet Malta fil-25 ta' Novembru 1998. Sussegwentement, fit-28 ta' Jannar 1999, l-imsemmi Gaetano Vella zzewweg lill-atrici fir-Registru Pubbliku ta' Malta u bdew jghixu flimkien go apartament fil-Qawra. Minhabba f'hekk fit-13 ta' Frar 1999 l-attrici nghatat id-dritt tal-liberta' tal-moviment ("freedom of moviment") gewwa Malta.

> "Fic-citazzjoni l-attrici ddikjarat li fil-hin tal-presentata tal-istess citazzjoni kellha sitt xhur tqala. Sussegwntement u fil-mori ta' din il-kawza twieled tifel li fuq ic-certifikat tat-twelid tieghu hemm indikat li misieru hu l-imsemmi Gaetano Vella. It-tifel inghata l-isem ta' Joseph Vella. L-attrici tkompli tippremetti li zewgha abbandunha u qed jirrifjuta li jirritorna lura fl-imsemmi appartament tal-Qawra u li sussegwentement l-imsemmi dritt li kien nghata lill-attrici gie kkancellat u revokat u dan, skond l-attrici "minghajr ebda raguni valida." Ghalhekk l-attrici qed titlob li d-decizjoni li biha hi giet dikjarata li tilfet id-dritt ta' liberta ta' moviment hi nulla u minghajr ebda effett billi meta ttiehed din id-decizjoni ma gewx osservati l-principji tal-gustizzja naturali kemm fit-twettiq tal-ghemil amministrattiv kif ukoll fid-deliberazzjonijiet ta' qabel dwar dak l-ghemil u ghalhekk tali ghemil imur kontra l-ligi u kontra "l-policies attwali tal-konvenuti" u jikkostitwixxi abbuz ta' setgha peress li hu bbazat fuq kunsiderazzjonijiet mhux rilevanti.

> "Iz-zewg konvenuti flimikien eccipew li, fl-ewwel lok ic-citazzjoni hi nulla ai termini ta' l-artikolu 460 tal-Kap 12, pero' din l-eccezzjoni giet irtirata u kwindi l-Qorti mhux ser tiehu konjizzjoni ulterjuri taghha. Fit-tieni lok gie eccepit li l-

konvenuti, l-Kummissarju tal-Pulizija u d-Direttur tad-Dipartiment tac-Cittadinanza u Expatriates, mhux il-legittimi kontradditturi f'dawn il-proceduri u fit-tielet lok li l-eccipjenti qed jattwaw il-ligijiet u policies amministrattivi nostrani, li jesigu li persuni separati "de facto" jew "de jure" mill-konjugi taghhom ma jistghux igawdu l-liberta' ta' moviment ghaliex ma jkunx aktar persuni ezenti fit-termini tal-ligi. Inoltre, skond l-istess konvenuti, l-attrici qed tabbuza mill-process gudizzjarji u qed tallega affarijiet li huma bla bazi fattwali tant li hija gia ttentat, inutilment, tottjeni l-hrug ta' mandat ta' inibizzjoni u ukoll ittentat tipprocedi permezz ta' rikors kostituzzjonali, fejn irrizulta li l-attrici kienet ilha li sseparat minn zewgha Gaetano Vella u l-istess Vella, bil-gurament, innega diversi drabi li t-tarbija li qeghda ggor l-attrici hi tieghu u appuntu ghalhekk hemm id-disposizzjoni tal-ligi li l-persuna ezenti trid tkun tghix mac-cittadin Malti biex tgawdi minn dak l-istatus. Skond il-konvenuti, ghal dawn ir-ragunijiet kollha, huma agixxew fil-parametri tal-ligi.

"Fl-ewwel lok iz-zewg konvenuti qed jeccepixxu li huma mhumiex il-legittimi kontradditturi f'dawn il-proceduri. Din il-kawza tirrigwarda l-fatt li l-attrici, wara li zzewget cittadin malti, giet moghtija d-dritt tal-liberta' tal-moviment gewwa Malta pero' sussegwentement ittiehted id-decizjoni li dan id-dritt jigi revokat. Hu ovvju li dan id-dritt johrog mill-ligi u cioe' mill-Kostituzzjoni u hu ukoll li biex barrani jinghata dan id-dritt hemm bzonn li jigi verifikat jekk l-istess barrani jikkwalifikax sabiex jinghata tali dritt u hemm bzonn li l-passaport tal-istess barrani jkun jindika li huwa jgawdi minn tali dritt. Jirrizulta li l-verifika ssir mid-Dipartiment tac-cittadinanza u l-passaport jigi ttimbrat mill-Kummissarju tal-Pulizija fil-vesti tieghu ta' Ufficcjal Ewlieni tal-Immigrazzjoni. Jirrizulta li l-imsemmi Dipartiment, fil-verifika li jaghmel, jesamina certifikati u dokumenti ohra rilevanti u finalment jaghti parir jekk il-barrani ghandux jinghata id-dritt in kwestjoni jew le. Jirrizulta li l-Ufficjal Ewlieni tal-Immigrazzjoni joqod fuq l-imsemmi parir li jkun inghata mid-Dipartiment. L-attrici qed tikkontesta l-mod kif ittiehted id-decizjoni tar-revoka tad-dritt taghha ghal-liberta' tal-moviment gewwa Malta u kwindi, in vista ta' dak li ntqal f'dan il-paragrafu, hu evidenti li z-zewg konvenuti ghandhom jitqiesu li huma l-legittimi kontrditturi fil-presenti proceduri. Minhabba f'hekk din l-eccezzjoni ghandha tigi michuda.

"L-attrici ppresentat l-affidavit taghha, li jikkontjeni diversi asserzjonijiet li, l-maggior parti minnhom ma gewx kontradetti, lanqas meta xehed l-imsemmi ragel taghha Gaetano Vella. Fl-affidavit taghha l-attrici tghid li kienet iltaqghet mal-imsemmi Gaetano Vella f'Casablanca l-Marokk. Vella kien wahdu u kien qieghed fuq btala. Fil-kors ta' din il-btala tieghu Vella ltaqgha mal-atrici kif ukoll mal-familja taghha. L-attrici qalet li meta Vella gie lura Malta hu kien icempillha ta' spiss u fil-fatt wara biss xahrejn Vella ippropona li jizzewweg lill-

attrici, li minn naha taghha accettat. Inqalghu, pero', xi diffikultajiet mal-familjari tal-attrici dwar ir-relazzjoni ta' bejn l-attrici u Vella. Vella ukoll mar il-Marokk biex jikkonvinci lill-omm l-attrici thalli lill-binta tizzewgu u finalment l-omm ikkonsentiet li z-zwieg issir.

"Fil-fatt iz-zwieg sar fir-Registru Pubbliku l-Belt Valletta u ghalih attendew ukoll il-genituri u familjari ohra ta' Vella. Skond l-attrici wara circa xahrejn bdew jinqalghu xi problemi bejnithom. L-attrici tallega ukoll li f'okkazjoni minnhom ir-ragel taghha ta xebgha tant li marret taghmel rapport fl-Ghassa tal-Pilizija tal-Qawra. Minhabba cirkostanzi partikolari l-attrici harget mill-appartament fejn kienet toqod ma zewgha u kriet appartament iehor ghar-rasha. In effett wara ftit granet zewgha mar joqod maghha f'dan l-appartament tal-ahhar u t-tnejn baqgghu jghixu normalment hemmhekk ghal xi sitt (6) xhur. L-attrici marret lura l-Marokk biex tara lill-genituri taghha u meta rritornat Malta indunat li zewgha kien telaq mid-dar u kien abbandunha. Ir-ragel tal-attrici regha talabha biex jergghu jibdew jghixu flimkien u hi accettat u bdew jghixu fl-imkien go dar l-Isla. Il-fatt li Gaetano Vella f'diversi drabi talaq mid-dar u sussegwentement rega rritorna mal-attrici gie konfermat mill-istess Gaetano Vella. L-attrici harget tqila pero' xorta kien ghad hemm problemi mar-ragel taghha. L-attrici tallega li zewgha kellu relazzjoni ma mara ohra u f'Mejju, 2000, huwa telaq definittivament mid-dar u ghalhekk l-attrici bdiet proceduri quddiem il-Qorti kompetenti sabiex zewgha ihallasha il-manteniment taghha u tat-tifel. L-attrici tghid li kienet applikat ghac-cittadinanza Maltija ftit granet wara li zzewwget, pero' tali applikazzjoni jidher li qatt ma giet processata. Sussegwentement l-attrici giet infurmata li l-"freedom of moviment" li kien gie akkordat lilha kien gie revokat.

"Hawnhekk ghandu jinghad li iz-zwieg bejn l-attrici u Gaetano Vella gie dikjarat null u bla effett b'sentenza tal-Qorti kompetenti tas-27 ta' Novembru 2003 fic-citazzjoni numru 573/00 RCP fl-ismijiet "Gaetano Vella vs Amal chiheb et." Il-presenti proceduri nbdew f'Awissu 2000 u ghalhekk iz-zwieg gie dikjarat null circa tlett (3) snin wara li nbdew dawn il-proceduri. Minhabba dan il-fatt il-pretensjoniet tal-attrici kif dedotti f'dawn il-proceduri ghandhom jigu xorta wahda esaminati u trattati minn din il-Qorti. Ghandhom pero' ukoll jigu konsidrati l-effetti kollha tal-fatt li z-zwieg issa hu annullat u minghakjr effett fil-ligi.

"F'dan l-istadju ghandhom jigu esaminati l-provi li gew prodotti u, fl-opinjoni tal-Qorti, huma ta' importanza kbira d-deposizzjonijiet tal-Ispettur Sandro Zarb u tad-Direttur tad-Dipartiment tac-cittadinanza Joseph Treeby Ward. L-Ispettur

Sandro Zarb ikkonferma li l-attrici kienet inghatat il-“freedom of moviment” peress illi kien irrizulta illi hija kienet izzewget cittadin Malti. Ikkonferma ukoll li l-attrici kienet ghamlet talba sabiex issir cittadina Maltija. Kif gia gie rilevat fil-koncessjoni tad-dritt tal-liberta’ ta’ moviment, il-verifika jekk il-barrani jikwalifikax sabiex jinghata tali dritt issir mid-Dipartiment tac-Cittadinanza. Skond l-Ispettur Zarb ikun hemm kazijiet fejn il-Kummissarju tal-Pulizija jintalab jaghmel, mill-imsemmi Dipartiment, verifiki u investigazzjonijiet dwar xi fatti li jkunu gew dikjarati minn min ikun ghamel it-talba sabiex jigi akkordat lilu d-dritt in kwestjoni. L-istess xhud ikkonferma li fil-kaz tal-attrici l-Pulizija ma ntalbitx biex taghmel investigazzjonijiet ghar-rigward tal-process li kien iwassal sabiex l-attrici nghatat id-dritt tal-liberta’ tal-moviment.

“Joseph Teeby Ward, id-Direttur tad-Dipartiment tac-Cittadinanza, ikkonferma li wara li lill-attrici gie koncess id-dritt tal-liberta’ tal-moviment, ir-ragel taghha kiteb diversi drabi lid-Dipartimet fejn informa li huwa ma kienx ghadu qed jghix mal-attrici, li huwa kien issepara ‘de facto’ minn maghha u li t-tfel li kellha l-attrici ma kienx minn tieghu kif ukoll li kellu xi problemi ohra mal-attrici. Skond dan ix-xhud din l-informazzjoni giet mghoddija lill-Kummissarju tal-Pulizija. Id-Direttur tad-Dipartiment kompla jghid li, f’April tas-sena 2000, il-Ministru inkarigat mill-Intern hareg ordni fejn iddikjara illi l-attrici ma kellhiex tibqa’ tigi kkonsidrata bhala “exempt person” ai termini ta’ l-Immigration Act u ghalhekk id-dritt li kien gie moghti lilha dwar il-liberta’ tal-moviment kellu jigi irtirat. Skond l-istess xhud id-Dipartiment tac-Cittadinanza ma baghatx ghall-attrici qabel ma, effettivament, gie revokat l-imsemmi dritt u lanqas ma kien hemm xi risposta min-naha ta-Kummissarju tal-Pulizija, meta huwa intalab biex jinvestiga dak li kien gie allegat mir-ragel tal-attrici fl-imsemmija ittri.

“Saret ukoll il-prova li Gaetano Vella qatt ma inizja proceduri ghad-denegata paternita’ fir-rigward ta bin l-attrici. Inoltre jirrizulta li l-attrici kienet giet infurmata li l-“freedom of moviment” kien gie revokat peress illi hija ma kinitx ghadha tghix mar-ragel taghha. Jidher ukoll li l-Pulizija ma ghamlet ebda investigazzjoni qabel ma gie revokat il-beneficcju tal-freedom of moviment u l-Pulizija lanqas ma kienet kellmet lir-ragel tal-attrici u lill-attrici stess qabel ma gie revokat id-dritt in kwestjoni. Li qed tikkontesta l-attrici hu l-mod kif gie revokat id-dritt tal-liberta tal-moviment li kien gie akkordat lilha. Jista jinghad li l-imsemmi dritt gie revokat wara li r-ragel tal-attrici kiteb l-ittri gia imsemmija lill-Dipartiment tac-Cittadinanza. Jirrizulta ukoll li d-Dipartiment ma ghamel l-ebda investigazzjoni dwar dak li kien qed jigi allegat minn Gaetano Vella u lanqas ma intalbet l-ghinuna tal-Pulizija sabiex jigu verifikati l-istess allegazzjonijiet. Ghalhekk minn ha d-decizjoni in kwestjoni qaghad biss fuq l-allegazzjonijiet u l-insinwazzjonijiet ta’ Gaetano Vella u kwindi fl-ebda hin ma

nstemghet il-verzjoni tal-attrici. Fost il-hafna allegazzjonijiet li ghamel Gaetano Vella huwa allega li t-tifel tal-attrici mhux minn ieghu. Dan it-tifel twieled fis-16 ta' Novembru 2000 u nghata l-isem ta' Joseph Vella. Ma jirrizultax li Gaetano Vella qatt beda proceduri ta' "denegata paternita'" ghar-rigward ta' dan it-tifel. Ma gewx prodotti provi li b'xi mod setghu isostnu l-allegazzjoni ta' Gaetano Vella. Il-fatt li Gaeano Vella kkonferma bil-gurament li hu mhux il-missier, mhux bizzejjed. Kif gia rilevat gie esibit ic-certifikat tat-twelid tal-istess tifel (fol.80) minn fejn jirrizulta li Gaetano Vella hu mnizzel bhala l-missier tat-tarbija.

"Il-konvenuti pproducew biex jixhed lill Gaetano Vella, li qal li l-attrici kienet issawtu. F'dan ir-rigward, pero', ma tirrizulta ebda prova li oggettivament tista ssostni tali allegazzjoni. In effett jidher li Gaetano Vella qatt ma ghamel rapport l-Ghassa tal-Pulizija f'dan is-sens, nonostante li huwa ddikjara li kien ghamel rapport fl-Ghassa tal-Qawra. Ix-xhud P.S. 102 Ruth Magro kkonfermat li ma jirrizultax li fiz-zmien in kwestjoni sar ir-rapport li allega li sar Vella. Mhux kredibbli Vella meta qal li jumejn wara z-zwieg l-attrici ddikjarat li biz-zwieg rebhet vittorja ghaliex kienet ser tibqa' Malta. In effett Vella ma ghamel xejn wara li sema lill-attrici tghid dan il-kliem kif allegat. Ix-xhud Vella kkonferma li kienet fuq insistenza tieghu li lill-esponenti tnehhilha l-liberta' tal-moviment. Dan jikkontrasta mal-asserzjoni ta' Gaetano Vella li hu kien jibza minn martu ghaliex kienet issawtu. Kif ukoll tikkontrasta mal-fatt li huwa ammetta li kemm-il darba mar lura d-dar' kif effettivament ikkonfermat l-attrici fl-affidavit taghha. Fl-opinjoni tal-Qorti x-xhud Gaetano Vella mhux affidabbli u mhux kredibbli.

"Jidher li l-uniku ghan ta' Gaetano Vella kien li jara kif jaghmel sabiex martu l-attrici titkecca minn Malta. Mill-provi jirrizulta li d-decizjoni biex l-attrici titkecca minn Malta ttiehdet esklusivament fuq dak li kien qed jallega l-istess Gaetano Vella u appuntu jirrizulta li l-istess Vella ried u insista li martu titkecca u b'dan il-mod huwa kien qed jehles li joqod ghall-obbligi tieghu versu martu u versu ibnu. L-attrici qatt ma nghatat opportunita' li ssemma lehenha u li tiddefendi ruhha qabel ma ttiehdet id-decizjoni in kwestjoni. Ma jistax jigi accettat li decizjoni bhal dik in kwestjoni tittiehed semplicement fuq allegazzjonijiet mhux konfermati minn naha ta' parti li hi interessata, cioe' ir-ragel tal-attrici, u li ser tiehu vantagg minn tali decizjoni peress li bhala konsegwenza tal-istess decizjoni l-istess parti ser tevita li toqod ghall-obbligi taghha li johorgu mill-ligi. L-attrici ghandha tkun protetta minn l-agir tal-konjugi li ottjena dak li ried mill-Awtoritajiet kompetenti. Kieku tali sitwazzjoni tigi accettata ikun semplici ghal cittadin malti li jehles mill-konjugi barrani billi jitlaq mid-dar konjugali u jinforma lill-awtoritajiet li hu qed jghix seprarat mill-konjugi barrani tieghu u l-awtoritajiet joqodu esklusivament fuq dak li allega c-cittadin malti minnhajr ma jaghmlu l-

> verifiki li ghandhjom isiru u konsegwentement il-konjugi barrani jitkecca minn Malta. Hu zgur li dan mhux dak li trid il-ligi.
>
> “Ma hemm l-ebda ligi li tistipula li persuni barranin separati, anke “de facto,” mill-konjugi malti ma jistghux igawdu l-liberta’ tal-moviment f’Malta. Jista jkun hemm “policy” f’dan is-sens liema policy pero’ m’ghandiex titqies li hi assoluta u applikabbli f’kull kaz. B’dawn il-proceduri l-attrici mhux qed tabbuza mill-process gudizzjarji, kif sostnew il-konvenuti. Kull ma qed taghmel l-attrici hu li tfittex li tiehu drittijiet li gew negati lilha minnghajr ma nghatat l-opportunita li ssemma lehenha.
>
> “Kif gie rilevat, pero’, ghandhom jigu kkonsidrati l-effetti tal-fatt li z-zwieg bejn l-attrici u Gaetano Vella issa gie annullat u dikjarat li m’ghandu ebda effett fil-ligi. Ghalhekk l-istess zwieg ghandu jitqies li hu null “ab initio” u ghandu jitqies qisu qatt ma sar. Minhabba f’hekk hu ovvju li issa l-attrici ma tistax tikkwalifika sabiex tinghata d-dritt tal-liberta’ tal-moviment u kwindi issa hu superflu li jigi deciz u dikjarat li d-decizjoni li biha tnehhilha l-istess dritt tal-liberta’ tal-moviment ittiehted kontra l-ligi.
>
> “In vista ta’ dan kollu t-talbiet ghandhom jigu michuda, pero’, in vista tac-cirkostanzi partikolari tal-kaz, l-attrici m’ghandiex tigi kundannata thallas l-ispejjez, li ghandhom jithallsu kollha mill-kovenuti in solidum bejnithom.”

Rat ir-rikors tal-appell tal-konvenuti li in forza tieghu, ghar-ragunijiet minnhom premessi, talbu li din il-Qorti joghgobha:

> “… … … tirriforma s-sentenza appellata tal-Qorti Civili Prim’ Awla tal-15 ta’ Dicembru 2010 billi tikkonfermaha in kwantu cahdet it-talbiet attrici u billi thassarha u tirrevokaha fil-kumplament taghha bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra taghhom”.

Rat ir-risposta u l-appell incidentali tal-attrici li in forza taghhom, ghar-ragunijiet minnha premessi, talbet sabiex din il-Qorti:

> "… … … tvarja s-sentenza moghtija minn l-ewwel Qorti billi tilqa' t-talbiet attrici fil-waqt li l-kap tal-ispejjez jibqa' a karigu tal-konvenuti appellanti".

Rat ir-risposta tal-konvenuti ghall-appell incidentali tal-attrici li in forza taghha, ghar-ragunijiet minnhom premessi, issottomettew illi:

> "… … … l-Appell Incidentali tal-appellanti ghandu jigi michud bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra taghha, stante illi f'dan l-istadju huwa purament kapriccjuz, b'riserva ghall-produzzjoni ta' provi u sottomissjonijiet ulterjuri permessi mil-Ligi f'kaz illi dan ikun mehtieg".

Semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Ikkonsidrat:

Illi l-attrici hija cittadina tal-Marokk u fit-28 ta' Jannar, 1999, izzewget lil Gaetano Vella, li hu cittadin Malti; fid-dawl ta' dan iz-zwieg hi nghatat il-liberta` ta' moviment gewwa Malta. Ftit wara z-zwieg, l-attrici harget tqila. Zewgha Gaetano Vella hu registrat bhala missier it-tarbija, izda jghid li hu mhux il-missier tat-tifel li eventwalment twieled ghalkemm ma jirrizultax li qatt beda proceduri ta' denegata paternita` ghar-rigward ta' dan it-tifel. Ir-relazzjoni ta'

bejn l-attrici u dan Gaetano Vella ma damitx ma marret ghall-aghar, u r-ragel tal-attrici kemm-il darba telaq mid-dar u rega' mar lura, sa ma telaq definittivament mid-dar matrimonjali f'Mejju tal-2000. Meta kien jitlaq mid-dar kien regolarment jinforma lill-awtoritajiet li hu ma kienx ghadu jghix mal-attrici. Skont prattika tal-Gvern u anke skont il-ligi, biex persuna tibbenefika mil-liberta` ta' moviment trid tkun mizzewga u toqghod ma' persuna cittadina ta' Malta (Artikolu 4(1)(9) tal-Att dwar l-Immigrazzjoni, Kap. 217 tal-Ligijiet ta' Malta). Meta l-Pulizija nghataw din l-informazzjoni, ippruvaw ifittxu lill-attrici, u eventwalment ikkuntatjawha u ikkonfermaw illi hi ma kienetx qed tghix ma' zewgha. B'rizultat tal-informazzjoni li kellu, f'April tas-sena 2000, il-Ministru inkarigat mill-Intern hareg ordni fejn iddikjara illi l-attrici ma kellhiex tibqa' titqies bhala persuna ezenti fit-termini tal-imsemmija ligi. L-attrici allegat li din l-ordni tikser id-dritt fundamentali taghha ghal smiegh xieraq u access ghall-Qorti fit-termini tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, izda l-Qorti Kostituzzjonali cahdet it-talba taghha b'sentenza tal-24 ta' Awwissu, 2000.

Wara din is-sentenza fethet dawn il-proceduri fejn qed titlob illi d-decizjoni tat-tnehhija tal-liberta` ta' moviment hija nulla u bla effett peress illi l-konvenuti naqsu li josservaw il-principji ta' gustizzja naturali (in partikolari l-principju *audi alteram partem*), u d-decizjoni kienet bi ksur tal-ligi u l-*policies* attwali.

Fil-frattemp, iz-zwieg bejn l-attrici u Gaetano Vella gie dikjarat null u bla effett b'sentenza tal-Qorti kompetenti fis-27 ta' Novembru, 2003. Il-kawza kien fetahha Gaetano Vella f'Awwissu tal-2000.

L-ewwel Qorti sabet li, qabel ma giet revokata l-liberta` ta' moviment li kellha l-attrici, din vera ma inghatatx smiegh xieraq, pero`, cahdet it-talbiet attrici fid-dawl tal-fatt li, fil-mori ta' proceduri, gie dikjarat li z-zwieg taghha ma' Gaetano Vella kien null u qatt ma ezista. L-ewwel Qorti akkollat l-ispejjez tal-kawza fuq il-konvenuti. Dawn tal-ahhar appellaw mis-sentenza, u jsostnu illi huma agixxew konformament mal-ligi fuq dan il-kaz, u ma ghandhomx jehlu l-ispejjez. L-attrici appellat incidentalment, u qed tghid li l-ewwel Qorti marret *ultra vires* ghax l-ilment taghha kien centrat biss fuq il-mod ta' kif agixxew l-awtoritajiet fil-konfront taghha, u l-ewwel Qorti ma kellhiex tqis il-fatt li fil-mori tal-kawza z-zwieg taghha ma' Gaetano Vella gie dikjarat null.

Trattat il-meritu tal-appelli, li, ftit jew wisq, jirrelataw it-tnejn fuq l-istess haga u cioe`, jekk kienx hemm ksur jew le tar-regoli ta' gustizzja naturali, din il-Qorti tinnota li, milli jidher, hu veru li l-liberta` ta' moviment li kienet tgawdi l-attrici giet irtirata qabel ma saret investigazzjoni tal-kaz u dan a bazi biss tal-allegazzjoni li kien ghamel Gaetano Vella li hu kien separat "*de facto*" minn mal-attrici, pero`, meta eventwalment il-Pulizija intraccjat lill-attrici, wara tfittxija ta' tlett xhur, ikkonfermat li fil-fatt hi ma kienetx qed tghix ma' zewgha. Meta l-

ligi kienet tezenta mill-effetti tal-Att dwar l-Immigrazzjoni barrani mizzewweg lil cittadin Malti, il-hsieb ovvju kien li dan ikun hekk jekk iz-zwieg ikun wiehed veru, u intenzjonat, bil-koppja joqghodu flimkien. Ma kienx intiz li l-ligi taghti protezzjoni lil min jghaddi mill-formalita` tac-cerimonja tat-tieg, izda ma jghix mas-sieheb jew siehba tieghu.

Issa, meta f'dan il-kaz lill-Pulizija irrizultalha li r-ragel qed jghix gewwa Birkirkara u l-attrici l-Qawra, hi setghet tipprocedi bl-esekuzzjoni tad-decizjoni tat-tnehhija tal-liberta` ta' moviment. Jekk l-attrici tallega li hi riedet tibqa' tghix ma' zewgha, izda kien dan tal-ahhar li abbandunaha u li hi, allura, mhix responsabbli ghall-firda, kellha kull dritt tagixxi gudizzjarjament biex tipprotegi l-interessi taghha u titlob dikjarazzjoni li ghandha titqies "toqghod" ma' zewgha, avolja dan, minghajr raguni valida, ma jridx joqghod aktar ma' martu. F'dan il-kaz, l-attrici ma ghamlet xejn minn dan. Ressqet mill-ewwel proceduri relatati mad-drittijiet fundamentali taghha, izda dawn il-proceduri ma kellhom ebda ezitu favorevoli ghaliha.

Jista' jkun, kif irrimarkat l-ewwel Qorti, li Gaetano Vella ra kif ghamel sabiex martu l-attrici titkecca minn Malta, pero`, martu l-attrici lanqas ippruvat, bil-proceduri opportuni, tikkontesta l-allegazzjonijiet ta' zewgha u tiddefendi l-istatus taghha ta' mara li trid "toqghod" ma' zewgha – dejjem jekk iz-zwieg ma kienx wiehed tal-konvenjenza.

Kif taraha din il-Qorti, wiehed jista' jargumenta li, meta ttiehdet id-decizjoni li lill-attrici jitnehhilha d-dritt tal-liberta` ta' moviment ma kienetx saret investigazzjoni tal-kaz, pero`, wara d-decizjoni u qabel l-ezekuzzjoni taghha, il-kaz gie investigat, u minn dak li rrizulta, id-decizjoni giet ratifikata. Ovvjament, kien ikun ahjar li kieku l-investigazzjoni saret qabel ma nghatat id-decizjoni u mhux wara, pero`, kif sehhew l-affarijiet f'dan il-kaz, ma tarax li kien hemm abbuz serju tas-setghat moghtija mil-ligi lill-Pulizija. Dan, pero`, se jkun rifless fil-*capo spesa*.

Fir-rigward tal-ilment specifiku tal-attrici, din talbet li jigi dikjarat li t-tnehhija tad-dritt ghal-liberta` ta' moviment kien null. Gara, pero`, li z-zwieg taghha ma' Gaetano Vella gie dikjarat null, u gie meqjus fil-ligi bhala li qatt ma sar. B'hekk waqghet il-bazi tat-talba tal-attrici ghal-liberta` ta' moviment li issa lanqas biss tista' tippretendi dritt bhal dan. Bis-sahha tad-duttrina ta' *ius superveniens* il-Qorti ghandha dritt tqis din ic-cirkostanza. Darba l-attrici tghid li ghandha dritt tibqa' zzomm il-liberta` ta' moviment gewwa Malta bis-sahha taz-zwieg li dahlet fih, ebda Qorti ma tista' ssostni din il-pretensjoni darba li rrizulta li z-zwieg, veru u proprju, qatt ma kien hemm.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mill-appell incidentali tal-attrici billi tichad l-istess, u tiddisponi mill-appell principali tal-konvenuti billi tilqa' l-istess in parte, u tirriforma s-sentenza tal-ewwel Qorti billi

tikkonfermaha fejn cahdet it-talbiet attrici, izda tirrevokaha fejn ordnat li l-ispejjez jithallsu mill-konvenuti, u tordna minflok li l-ispejjez kollha tal-kawza, inkluzi dawk ta' din it-tieni istanza, jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------